A.L. 134 ta' l-2000

ATT DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (KAP. 292)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1991 dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira), hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 96 ta' l-1991.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-14 ta' Awissu, 2000 għar-rigward tal-Lotterija l-Kbira tat-8 ta' Ottubru, 2000 u Lotteriji Kbar oħra sussegwenti.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu A. Lotterija l-Kbira, fl-Iskeda ta' Premjijiet li tinsab mar-regolamenti prinċipali fil-paragrafu intitolat L-EWWEL PREMJU, minflok il-kliem "Lm120,000" għandhom jidħlu l-kliem "Lm150,000".